Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,158, 6 ta' Novembru, 2001
Taqsima B

A.L. 283 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Educational and Career Guidance

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2001 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Educational and Career Guidance.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Educational and Career Guidance;

"il-Kors" tfisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Educational and Career Guidance;

"is-Senat" tfisser is-Senat ta' l-Universita';

"l-Universita'" tfisser l-Universita' ta' Malta; u

"l-Universitajiet Parteċipanti" tfisser l-Universita' ta' Calabria u l-Universita' ta' San Pio V li jipparteċipaw fit-tagħlim għal dan il-Kors bi ftehim ma' l-Universita'.

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2000 jew wara.

Il-Bord ta' l-Istudji

3. Il-Kors għandu jkun amministrat minn Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord, wara konsultazzjoni ma' l-Universitajiet Parteċipanti.

L-Eliġibilita' għall-Grad

4. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu rreġistrati bħala studenti regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita' u għandhom il-Kwalifki għad-Dħul stipulati fir-regolament 5;

(b) itemmu l-kors ta' l-istudji, jiksbu l-kredti kollha indikati fir-regolament 9, u jissodifaw xi rekwiżiti oħra preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw xi rekwiżiti oħra preskritti fi statuti, f'regolamenti u f'ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

5. L-applikanti għad-dħul fil-Kors, li għandhom ikollhom ħakma ta' l-ilsien Ingliż, għandhom ikollhom il-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor f'qasam ikkunsidrat rilevanti mill-Bord; jew

(b) kwalifika ekwivalenti minn din l-Universita' jew minn xi universita' oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

6. L-applikanti li jixtiequ jirreġistraw għall-Kors għandhom japplikaw fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

7. Mad-dħul fil-Kors, l-istudenti għandhom jirreġistraw għal għadd xieraq ta' taqsimiet studju, kif indikat f'paragrafu (a) tar- regolament 9.

It-Tul tal-Kors

8. Il-Kors jinfirex fuq sena akkademika ta' studju u riċerka fuq bażi *full-time*. F'ċirkostanzi speċjali, l-Bord jista' jħalli lill-istudenti jtawlu l-perijodu ta' studju sa sitt xhur oħra.

Il-Kors ta' l-Istudji

9. Il-Kors ikun offrut f'oqsma ta' studju marbuta ma' l-Educational and Career Guidance kif stabbilit mill-Bord, u għandu jkun magħmul minn tliet komponenti mgħallma li jikkonsistu fi:

(a) taqsimiet studju, li għalihom 24 kredtu huma assenjati, fl-oqsma ta' studju tal-Metodoloġija u l-Pedagoġija Edukattiva *(Scienza dell'Educazione: Metodologia e Didattica)*, ix-Xjenza tal-Komunikazzjoni *(Scienza dell'Informazione e della Communicazione)*, il-Marketing u l-Ekonomija *(Marketing ed Economia)* u l-Ilsna Ewropej *(Linguc Comunitarie)*, li jsiru f'waħda mill-Universitajiet Parteċipanti;

(b) taqsimiet studju, li għalihom 7 kredti huma assenjati, fil-qasam ta' l-Educational and Career Guidance li jsiru l-Universita';

(ċ) Esej Twil, li għalih kredtu huwa assenjat; u

(d) taqsimiet studju, li għalihom 7 kredti huma assenjati, fil-proficjenza fl-Ingliż, li jsiru l-Universita'.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

10. Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju għal kull qasam ta' studju. Il-katalgu għandu jindika l-kodiċi, t-titlu, u d-deskrizzjoni ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

11. Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, u D. F tindika li wieħed weħel. Xogħol mhux komplut għal raġunijiet ġustifikati (mard, assenza approvata, eċċ.) għandu jkun indikat bl-ittra I. Fil-każijiet l-oħra kollha r-riżultati ta' taqsimiet studju mhux mitmuma għandhom jidhru bħala F. Il-gradi mogħtija għandhom iqisu l-livell milħuq mill-istudenti f'wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin, kif il-Bord ta' l-Istudji jqis xieraq: assenjamenti u/jew eżamijiet bil-miktub.

12. L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju b'marka ta' mhux anqas minn erbgħin fil-mija (40%) tal-marki ta' valutazzjoni f'dak il-qasam ta' studju għandhom jerġgħu ikunu valutati mill-ġdid f'xi wieħed jew fil-komponenti kollha tal-valutazzjoni. Jekk jgħaddu, l-ogħla grad li jistgħu jingħataw huwa l-grad D.

L-Esej Twil

13. (1) L-istudenti għandhom jippreżentaw proposta bil-miktub għall-esej twil fit-tieni semestru tal-Kors.

(2) L-esej twil, li għandu jkun ta' bejn is-6,000 u t-8,000 kelma, għandu jkun sottomess sa mhux aktar tard mit-tmiem tat-tieni semestru.

(3) Il-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jagħti lill-istudenti estensjoni taż-żmien biex jippreżentawh wara dak imsemmi fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, bla ħsara għall-provvedimenti tar-regolament 8.

(4) L-istudenti li l-esej twil tagħhom ikun irrifjutat jew li l-korrezzjonijiet jew il-kitba mill-ġdid ikunu kkunsidrati inadekwati jew dawk li

ma jippreżentawx l-esej twil tagħhom fiż-żmien speċifikat, ma jingħatawx il-Grad.

Il-Klassifikazzjoni u l-Għoti tal-Grad

14. Il-grad finali ta' kull student għandu jqis il-gradi kollha miksuba fit-taqsimiet studju u fl-esej twil.

15. L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.